VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,497, 29 ta' Awwissu, 2025
Taqsima B

A.L. 182 tal-2025

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 65.33.
L.S. 499.68.

Jemenda r-regolament 60 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tieni proviso għas-subparagrafu (ii) tal-proviso għall-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 60 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll is-sidien ta' vetturi tal-kiri li diġà qed jintużaw u huma liċenzjati għall-ġarr ta' passiġġieri u li għandhom ħmistax (15)-il sena jew aktar mid-data tar-reġistrazzjoni fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitħallew ikomplu jagħmlu użu minn tali vetturi għall-għoti ta' servizzi ta' kiri sal-31 ta' Diċembru 2025;".